MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Numru. 908/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Grazia Attard bint Benigno Galea u Giuseppa nee' Spiteri,**
**imwielda fit-13 ta' Ottubru, 1957 u residenti Margrace, Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex,**
**detentrici tal-karta tal-identita' numru 55357(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l' hawn fuq imsemmija Grazia Attard li giet akkuzata talli nhar it-02.11.2009 ghal habta ta' 08:30hrs fuq il-bejt tar-residenza taghha fil-Fontana, Ghawdex:

1) Insulentat u jew heddet lil Angela Cardona bi kliem;
2) Kienet taf jew messa kienet taf li bl-agir taghha kienet ta' fastidju ghall-istess Angela Cardona;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputata insulentat lill-kwerelanta kif xehdet l-istess Angela Cardona. Illi madanakollu l-estremitajiet tat-tieni (2) akkuza ma jirrizultawx ippruvati;

Ghadaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi, issibha hatja tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannaha ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25);

Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500) fil-konfront ta' Angela Cardona ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------